**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 25 ta' Lulju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**-vs-**

**Wilson Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 527284M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża migjuba fil-konfront tal-imputat Wilson Mifsud u ċioè talli:

> Fil-kwalita' tiegħu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rappreżentant ġuridiku u/jew uffiċjal ieħor tas-soċjeta' kummerċjali **'WM ENVIROMENTAL LTD'. (C 53505)**, b'indirizz reġistrat 13, Triq l-Għasir, Żebbuġ, Malta naqas bħala min irċieva t-trasferiment ta' negozju fi ħdan Karin Grech Rehabilitation Hospital f'Jannar, 2015 li jassumi d-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min ittraferixxa, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impjieg u li, skont il-Liġi jiġu trasferiti lil minn jirċievi t-trasferiment mat-tlestija tal-imsemmi trasferiment liema obbligi jinkludu li jassumi kull impjegat fl-impjieg ta' min ittrasferixxa fid-data tat-trasferiment tan-negożju. Huwa naqas milli jassumi fl-impjieg lil impjegata **Tatyana Boyanova Ivanova (ID 50307A)** bħala l-persuna li lilha ġie ttrasferit in-negożju.

> Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u skont ir-Regolament 9 ta' l-Avviż Legali 433 tal-2002, kif emendat bl- Avviżi Legali 427 tal-2007, 195 tal-2010, 129 u 443 tal-2011, u 363 u 467 tal-2012, jħallas multa ta' mhux inqas min elf u mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu **(€1,164.69)** hekk kif tipprovdi il-Liġi.

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat-

Illi **Joseph Saliba,** in rapprezentanza ta' Jobsplus, ipprezenta dokumentazzjoni li turi li Tatyana Boyanova Ivanova temmet l-impjieg ma Gafa Saveway Ltd. fit-2 ta' Jannar, 2015.[1] Mid-dokument esebit jirrizulta li Boyanova bdiet tahdem ma Gafa fis-27 ta' Dicembru, 2007, u giet impjegata bhala ecologist sa mill-25 ta' Marzu 2010.[2] Giet esebita t-termination form ta' Ivanova minn fejn jirrizulta li din saret minn Pauline Gafa ghal Gafa Saveway Ltd. fit-2 ta' Jannar, 2015, bir-raguni ghat-temm t'impjieg ikun *"Transfer of Business"*.[3] Il-bidu tal-impjieg bhala ecologist jerga' jigi indikat bhala dak tal-25 ta' Marzu, 2010.

Illi **P.L. Quentin Tanti** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji kkonferma li fis-sena 2015 l-imputat kien direttur, legal and judicial representative ta' WM Environmental Ltd.[4]

Illi **Mario Gatt**, fi zmien spettur fi hdan id-dipartiment tal-impjiegi u relazzjonijiet industrijali (DIER), spjega kif fil-bidu ta' Jannar, 2015 is-servizz ta' tindif gewwa Karen Grech u Sptar San Luqa, ghadda minn Gafa Saveway Ltd. ghal zewg kuntratturi ohra - Klentec Ltd. u WM Environmental Ltd, b-obbligu li jwettqu l-istess xoghol li kien precedentement isir minn Gafa. Fiz-zmien li z-zewg kuntratturi kienu qed iqassmu x-xoghol bejniethom dahal ilment ta' Tatyana Boyanova Ivanova li hadd miz-zewg kuntratturi ma zammha fl-impjieg. Meta

---

[1] Fol.17-18
[2] Fol.36
[3] Fol.38
[4] Fol.20

tkellem mal-kuntratturi, it-tnejn qalu li xogholha setgha' jsir minn ufficjali taghhom stess.

Ikompli *"Ahna xorta wahda nfurmajna lit-tnejn bl-obbligu li kellhom biex izommu fl-impieg lis-Sinjura Ivanova jew japplikaw temp (recte: temm) ta' mpieg skond l-ghejra (recte:EIRA) ghax din bir-regolament tat-trasferiment tan-negozju saret impjegata taghhom awtomatikament u bl-istess kundizzjonijiet tal-impieg li kellha qabel. Mid-dokumenti provduti mill-impjegata tad-DIER irrizulta li hi tassew kienet f'impieg ma' Gafa Saveway Ltd, li kellha salarju annwali ta' 20,413 Euro, kellha klawzola fil-kuntratt tax-xoghol li jekk titwaqqaf mill-impieg tkun xi tkun ir-raguni l-principal ikollu jhallas lilha somma ekwivalenti ghal salarju ta' sentejn. Fit-23 ta' Jannar 2015 l-Avukat ta' Klentec Ltd informa lid-DIER li b'effett mid-19 ta' Jannar 2015 is-servizz kollu ta' tindif ghadda ghand WM Environmental Ltd. u ghaldaqstant l-impjegata koncernata ghandha tkun registrata fl-impieg ma' WM Environmental Ltd b'effett mid-data tat-trasferiment originali jigifieri minn meta twaqqaf Gafa Saveway Ltd. ..... issa li s-servizz kollu ghadda ghand kuntrattur wiehed jidher iktar car li ghandha tkompli l-impieg mieghu.* ***Saru diversi laqghat mall-kuntrattur fejn qalilna li hu kien lest u offrielha li jzommha fl-impieg bhala cleaner****. .....Ahna gbidna l-attenzjoni f'dak il-kaz ghandu jtemm l-impieg u wara joffrilha skond il-htiega ta' vaganzi li jkun hemm. Hawn irrizulta li l-kuntrattur ma riedtx jaghmel hekk minhabba l-klawzola li kien hemm fil-kuntratt tal-impjegata."*[5] Gatt jikkonferma li hu ma rax dokumenti dwar kif tqassmu l-impjegati minn ma Gafa izda kien ra l-kuntratt ta' Ivanova peress li kienet hi li ghamlet l-ilment mad-dipartiment.

**Minn din ix-xhieda jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju li l-imputat kien konxxju tal-fatt li Ivanova giet trasferita ghal mieghu izda jidher li dak li ma kienx qed ikun hemm qbil dwaru kien ix-xoghol li Ivanova – issa li giet trasferita kellha tibda tahdem bhala cleaner u ma tibqax supervisor.** Ai termini tal-Artikolu 38(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, kieku Mifsud temm l-impjieg taghha a bazi tal-kuntratt li kellha, Mifsud kien ser ikollu jhallas il-fuq minn €40,000 lil Ivanova. Dan l-obbligu jiskatta mis-segwenti disposizzjonijiet li juru bic-cjar li fic-cirkostanzi spjacevoli li sab ruhu fihom Mifsud, ma setax jahrab mill-obbligi tieghu taht ir-***Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta ' Negozju***:

[5] Fol.11-12

**3A.** (1) Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet ġiet impjegata minn min qed jittrasferixxi għandu jkollu effett daqs li kieku sar oriġinarjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tirċievi t-trasferiment

.

(2) Mat-tlestija tat-trasferiment, id-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min jittrasferixxi, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impieg kif imsemmi fis-subregolament (1) għandhom jiġu trasferiti lil min jirċievi t-trasferiment**:**

**5**(2) It-trasferiment tal-azjenda, negozju jew parti mill-azjenda jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi raġuni biżżejjed għat-tkeċċija ta' impjegati minn min jittrasferixxi jew minn min jirċievi t-trasferiment:

Iżda din id-dispożizzjoni ma' timpedixxi ebda tkeċċija li tista' ssir għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-għadd ta' nies li jaħdmu.

(3) Kull meta trasferiment li jinvolvi bidla sostanzjali filkondizzjonijiet tax-xogħol għad-detriment tal-impjegat jirriżulta fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg, il-prinċipal għandu jitqies li kien responsabbli għal tali terminazzjoni.

Illi **Tatyana Boyanova Ivanova** xehdet li sa Jannar 2015, kienet tahdem ma Gafa Saveway Ltd. gewwa l-Isptar Karen Grech bhala supervisor. Kienet ltaqghet mal-imputat Mifsud meta fil-5 ta' Jannar, 2015[6] meta marret biex tibda l-impjieg mieghu, ma kienx accettaha w infurmaha li kellha tibda impjieg ma kumpanija ohra. *"**He offered me to work as cleaner in another place not in Karen Grech and I told him sorry I am supervisor I have got contract to work at Karen Grech**, and I was working there from 2007 seven years working at Karen Grech only like a supervisor……He told me I will give you call later and after he didn't call me."*[7] Ivanova esebiet kuntratt ta' impjieg ffirmat nhar id-29 ta' Marzu, 2010, bhala *"Ecologist to ensure the highest standards of cleaning liquids and detergents are used at all times…".*[8] Spjegat kif kienet diga impjegata ma Gafa qabel, izda peress li bdiet tahdem bhala supervisor u kien zdidilha ix-xoghol, xtaqet li isir kuntratt biex jirrifletti dan.[9] Tghid li hadd ma staqsiha biex turi l-kuntratt ta' impjieg *"No nobody asked me. The first day when they came when I knew there were coming new people I spoke with Dr Zammit and I told him I have a contract, the manager of Karen Grech. .....The same day they came on the 2nd [Jannar, 2015]. They came for the interview to*

---

6 Il-jum tat-2 ta' Jannar 2015 kien il-gimgha u ghalhekk il-5 ta' Jannar, 2015 it-Tnejn.

7 Fol.24

8 **Dok. TB** a fol.29

9 Fol.25

*speak to the people."*[10] Tkompli tippreciza li hi rrapurtat ghax-xoghol ghal hamest ijiem wara izda **kellmet lil Mifsud fil-5 ta' Jannar, 2015 *"I spoke to him on the 5th to Mr Mifsud the first time when I talk to him*****…..** *<u>it was Monday</u> and he told me not him only director of the company there is another director he can talk to him and after he can phone me."*.[11]

**Jigi sottolinejat li kif xehed ir-rapprezentant ta' Jobsplus, Ivanova kien bdilha impjieg gdid ma Gafa Saveway Ltd. bhala ekologista <u>fil-25 ta' Marzu, 2010, ferm qabel it-trasferiment</u>.** Dan qed jinghad tenut kont li l-abbli difiza qajjmet dubbji dwar l-awtenticita` ta' dan id-dokument u senjatament dwar id-data li kien sar fiha.[12] Jirrizulta minghajr dubbju li Ivanova kienet ingaggata bhala ekologista sa minn Marzu, 2010 kif rifless fil-kuntratt.

Illi **Wilson Mifsud** xehed li kien dahal ghal-tender ghal-kuntratt ta' xoghol li qabel kien qed jinhadem minn Gafa Saveway Ltd. wara li dan gie blacklisted tu waqqaflu l-kuntratt ghat-tindif ta' Karen Grech u ttiehed mill-kumpanija tieghu u TF Services Ltd. bl-impjegati jinqassmu nofs ma kumpanija u nofs ma kumpanija ohra. [13] Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx jaf min kienu l-impjegati li gew trasferiti ghall-mieghu jghid li ma jiftakarx izda **kien lest jipprezenta lista ta' dawn l-impjegati b'nota- <u>xi haga li ma saritx</u>**![14] Jixhed li rcevew lista tal-haddiema li kienu gew trasferiti ghal mieghu bir-records tal-impjegati gimghat wara u jichad li kien jaf li Ivanova kienet giet trasferita ghal mieghu *"Le, le, le"*[15]

Ikompli *"Dakinhar ahna **konna ha nibdew minghalija t-Tnejn** u s-Sibt inzilna fl-Isptar u bdejna nigbru d-dettalji, id-dettalji tal-haddiema tal-parti li konna ha naddfu ahna…. Il-persuna rajtha hmistax (15) wara li konna bdejna x-xoghol ahna."*[16] u dan peress li l-ewwel Ivanova marret mal-kumpanija l-ohra li kienet irrifjutata *"Umbaghad kienet giet fuqna xi fifteen (15) days jew ma nafx ezatt bl-amment imma xi haga hekk."*. [17] Juri li **sar jaf bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt taghha** *"Qalet li kienet miftehma mal-Employer taghha ghax tajba hafna f'dan ix-xoghol….. Jiena mill-informazzjoni li kont*

---

[10] Fol.27
[11] Fol.27-28
[12] Vide Xhieda Domenic Gafa tat-13.06.2018 a fol.69-70
[13] Fol.45-48
[14] Fol.48
[15] Fol.49
[16] Fol.50
[17] Fol.50

*inghatajt umbaghad mill-haddiema ghax jiena kont ghadni gdid hemmhekk.... Hi kienet tiehu hsieb maggoranza kbira tax-xoghol li kellha l-Kumpanija ta' dak iz-zmien.... dak iz-zmien kien hemm ix-Shop Steward tal-haddiema li tani din l-informazzjoni."*[18] In kontro-ezami jaccetta li hu kellu obbligu jiehu l-haddiema li kienu qed jaghmlu dak ix-xoghol li hu dahal ghalih. Jghid li ra l-kuntratt madwar 20 jum wara li beda x-xoghol fit-3 ta' Jannar u Ivanova marret tkellmu xi 12-15 il-jum wara. Jikkonferma li l-kuntratt kien jghid li kellha taqdi d-doveri taghha f'Karen Grech u hu ha parti mit-tindif ta' Karen Grech. Ma ghamel l-ebda proceduri biex il-kuntratt jigi annullat.[19]

Illi **Martin Zahra,** shop steward u precedentment cleaner ma Gafa Saveway Ltd., xehed li fil-bidu x-xoghol ta' Gafa kien ser jinqasam bejn zewg kumpaniji izda kumpanija minnhom ma accettatx u **kollox gie trasferit fuq il-kumpanija ta' Mifsud** *"Le l-Kumpanija l-ohra spiccat, ma riditx tkompli."*[20] u dan kien fi zmien meta kien ghadu ma gie konkluz xejn formalment maghha imma kwalunkwe arrangamenti li saru li jaqsmu l-haddiema bejniethom kienu bil-fomm.[21] Zahra, xhud tad-difiza, jiddeskrivi ezatt dak li gara mill-impjegati kollha li qabel kienu ma Gafa wara li wahda mill-kumpaniji rebbieha tat-tender iddecidiet tirrinunzja ghalih:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Kumpanija minnhom ma qablilhiex ghandi jkun.* |
| *Qorti:* | *U regghet harget minnha.* |
| *Xhud:* | ***U s-Sur Wilson Mifsud accettana li jhaddimna kollha.*** |
| *Parte Civile:* | *Hekk, daqshekk.* |
| *Qorti:* | *Jigifieri s-Sur Wilson Mifsud accetta li jhaddem ukoll dak il-parti ta' nies li suppost marru ma' Kumpanija ohra.* |
| *Xhud:* | *Kienu ghadhom ma jffirmaw xejn ta' jigifieri.* |
| *Qorti:* | *X'inhi?* |

[18] Fol.51
[19] Fol.53-54
[20] Fol.56-57
[21] Fol.57

*Xhud:* *Bil-kelma kienu dawn.*

*Qorti:* *Bil-kelma.* ***Imma fl-ahhar mill-ahhar inti milli taf int min ha l-impjegati kollha?***

***Xhud:*** ***Is-Sur Wilson Mifsud u.***

*Qorti:* *Kollha? Anka dawk li suppost kienu sejrin mal-Kumpanija l-ohra?*

*Xhud:* *Le kien hemm min telaq ta` wkoll jigifieri.*

*Qorti:* *U kien hemm min telaq.*

*Xhud:* ***Kien hemm min telaq ukoll ma riedx joqhod jigifieri qed tifhem. U kellna s-Supervisor ahna, s-Supervisor kienet tigi tiehu hsieb in-nies insomma u daqqa tmur tal-Qroqq u daqqa tmur San vincenz, daqqa tmur insomma fejn kellha l-Kumpanija kienet tmur qed tifhem.***

*Qorti:* *Imma jigifieri biex nifhem sew fil-bidu wara li spicca Gafa` in-nies kienu sejrin ma' Kumpanija A u Kumpanija B.*

*Xhud:* *Sewwa.*

*Qorti:* *Xi whud minnhom m'accettawx telqu.*

*Xhud:* *U telqu.*

*Qorti:* *X'sar minnhom umbaghad dawn in-nies dik il-Kumpanija A u B?*

*Xhud:* ***In-nies li kien fadal hadhom is-Sur Wilson Mifsud.***

*Qorti:* *Jigifieri ghaliex wahda mill-Kumpaniji A jew B spiccat ukoll.*

*Xhud:* *Ehe sewwa, sewwa.*

*Qorti:* *Jigifieri n-nies kollha li kienu gejjin minn Gafa` minn dawk li fadal.*

*Xhud:* **_Zammhom is-Sur Wilson Mifsud, zammhom Wilson Mifsud."_**[22]

Zahra jixhed li Ivanova kinet responsabbli tqassam in-nies f'diversi sptarijiet u kienet anke tiehu hsieb il-pagi tal-impjegati ta' Gafa.[23]. In kontro-ezami jaghmel dikjarazzjoni li ma taghti lok ghall-ebda ekwivoku dwar dak li sehh meta Klentec Ltd. iddecidiet ma tiehux it-trasferiment tan-negozju ta' Gafa : *"Le, le, le, in-nies kull min inkiteb,* ***kull min inkiteb ma' din il-Kumpanija kollha regghu qeghlbu maghha. Meta l-ohra ma riditx toqghod kollha regghu marru mas-Sur Wilson Mifsud*** *u."*.

Ghaldaqstant jirrizulta li fl-ahhar mill-ahhar, kull impjegat li kien ma Gafa Saveway Ltd. u ddecideda jibqa' jservi mal-kuntrattur gdid, kellu jigi impjegat mal-kumpanija tal-imputat. Dan jikkorrobora x-xhieda ta' Mario Gatt meta ta stampa cara ta' dak li sehh *"Fit-23 ta' Jannar 2015 l-Avukat ta' Klentec Ltd informa lid-DIER li b'effett mid-<u>19 ta' Jannar 2015</u> is-servizz kollu ta' tindif ghadda ghand WM Environmental Ltd u ghaldaqstant l-impjegata koncernata ghandha tkun registrata fl-impieg ma' WM Environmental Ltd b'effett mid-data tat-trasferiment originali jigifieri minn meta twaqqaf Gafa Safeway Ltd."*[24]

Illi **Domenic Gafa`** xehed li l-kuntratt ma Ivanova sar ma' martu, direttur tal-kumpanija, imma fil-presenza tieghu *"Uzgur li kont prezenti"*[25]. Ikompli dwar x'wassal biex issirlha l-kuntratt li gie esebit *"niftakar li meta giet biex qeghdin inzidulha x-xoghol u ahna rajna li hija qeghda kapaci taghmel dan ix-xoghol, hi talbitna xi affarijiet, ahna konna rridu nkunu certi li ahna hemmhekk hi qed tmexxi hi hemmhekk, allura kellna naghmlu dak il-kuntratt ma niftakarx meta imma"*.[26] Ghalkemm kienet inghatat kuntratt ta' ecologist *"Kienet tmur hi Karen Grech u tiehu kollox hsieb hi Karen Grech hi ma kellna, hi kienet tiehu hsieb l-invoice jigiferi tara s-sieghat, tara x'hemm nuqqas, iddur is-supervision fuq in-nies u kienet tmexxi kollox hi"*.[27] Gafa jghid li ghalkemm *"Hi kienet stazzjonata Karen Grech dejjem hadmet Karen Grech mill-bidu…"*[28] peress li kellha paga tajba kien

---

[22] Fol.57-59
[23] Fol.63
[24] Fol.11
[25] Fol.70
[26] Fol.70
[27] Fol.69
[28] Fol.71

jibghata taghmel spezzjonijiet fuq l-indafa anke f'postijiet ohra bhal San Vincenz.

Ix-xhieda ta Gafa dwar ix-xoghol kollu li kienet tizvolgi Ivanova fejn sahansitra kienet anke tiehu hsieb payrolls, rosters u records ta' leave u sick leave, u dan ntenut kont li fi kliem Gafa ***"peress li kellha paga li kienet tajba"***[29] tikkorobora l-fatt li l-kuntratt esebit verament ma sarx lejlet it-trasferiment izda snin qabel. Diga gie sottolinejat li d-data tieghu tikkombaccja ma dak dikjarat mal-ETC fejn sahansitra tidher li giet impjegata b'kuntratt ta' ekologista fil-25 ta' Marzu, 2010,[30] erbat ijiem qabel ma gie ffirmat il-kuntratt u cioe` fid-29 ta' Marzu, 2010!

Illi l-abbli difiza issolevvat il-punt li l-artikolu 38(2) tal-***Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali*** japplika biss ghal dawk l-azjendi li jimpjegaw aktar minn ghoxrin ruh u dan skond dak li jipprovdi r-regolament 4 tar-***Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju*** (L.S. 452.85).[31] Tikkontendi li ma giex pruvat li Gafa Saveway Ltd. kellu aktar minn ghoxrin impjegat u ghalhekk bl-argument tad-difiza ma japplikax l-artikolu 38(2) tal-Att.

Issa dan l-artikolu 38(2) jipprovdi biss li:

> (2) Min jittrasferixxi u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandhom jinformaw lir-rappreżentanti tal-impjegati dwar l-impjegati rispettivi tagħhom li ser jkunu milquta bit-trasferiment dwar -
>
> (*a*) id-data jew id-data maħsuba għat-trasferiment;
>
> (*b*) ir-raġunijiet għat-trasferiment;
>
> (*ċ*) l-implikazzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali tattrasferiment għall-impjegati; u
>
> (*d*) il-miżuri li ser jittieħdu rigward l-impjegati.

Ghal kull buon fini issir ukoll riferenza ghal dak li xehed ix-shop steward Martin Zahra u cioe` li l-impjegati kienu rcevew email fejn gew infurmati bi-trasferiment *"konna rcevejna email li l-kumpanija ha tispicca u gejjin giex (2) kumpaniji jinqasmu bejn tnejn (2)"*,[32] filwaqt li fi kliem l-imputat innifsu l-ghada li sar it-trasferiment (it-2 ta' Jannar 2015 kienet il-Gimgha) *"Dakinhar ahna konna ha nibdew minghalija t-Tnejn u s-Sibt*

[29] Ibid.
[30] Fol.36
[31] Trattazzjoni a fol.75
[32] Fol.56

*inzilna fl-Isptar u bdejna nigbru d-dettalji, id-dettalji tal-haddiema tal-parti li konna ha naddfu ahna….".*[33] Mela dan ifisser li anke din id-disposizzjoni giet osservata; Sa mis-Sibt 3 ta' Jannar, 2015, Mifsud kellu f'idejh l-informazzjoni stipulata izda kemm taha kasha kwistjoni ohra!

Madanakollu dan l-artikolu 38(2) tal-Att ma jnaqqas xejn mill-obbligu primarju tal-imputat, il-persuna li lilha gie trasferit in-negozju, naxxenti mill-artikolu 38(1) tal-Att li jipprovdi:

> **38.** (1) Meta negozju jew azjenda oħra jittieħed il-kontroll tagħhom, għal kollox jew f' parti, minn persuna (hawnhekk iżjed ' il quddiem f' dan l-artikolu msejħa "il-persuna li lilha jiġi trasferit innegozju") mingħand prinċipal (hawnhekk iżjed ' il quddiem f' dan l-artikolumsejjaħ "min jittrasferixxi"), **kull impjegat fl-impieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju għandu jitqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tassumi ddrittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi għandu rigward limpjegat**.

Il-Qorti ssib diffikulta` tifhem l-argument tad-difiza dwar jekk ghandux japplika l-artiklu 38(2) galadarba ma giex pruvat in-numru ta' impjegati trasferiti minghand Gafa ghal mal-kumpanija tal-imputat. Fl-ewwel lok ghaliex kif intqal diga **dak l-artikolu ma jnaqqas xejn mill-obbligi inkombenti fuq min jiehu n-negozju skond l-artikolu 38(1) tal-Att**, u fit-tieni lok l-istess *proviso* ghar-regolament 4 fuq citat u li dwaru id-difiza tqajjem it-tieni linja difenzjonali taghha jipprovdi:

> Iżda minkejja kull ħaġa li hemm fl-Att u f'dawn ir-regolamenti, u irrispettivament mill-qies tal-*workforce*, minn jittrasferixxi ghandu jipprovdi din informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg ta' kull impjegat lil min qed jirċievi ttrasferiment, liema informazzjoni għandha dejjem tinkludi kopja tal-kuntratt tal-impieg jew dikjarazzjoni bil-miktub skont ir-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati u l-informazzjoni provduta minn min jittrasferixxi lil min qed jirċievi t-trasferiment fir-rigward ta' impjegat partikolari għandha tingħata wkoll lil dak l-impjegat u trid tiġi pprovduta mingħand min qed jitrasferixxi lil min qed jirċievi t-trasferiment fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tal-identifikazzjoni ta' min qed jirċievi t-trasferiment jew sad-data tat-trasferiment tan-negozju, skont liema tiġi l-ewwel.

Pero` anke hawn l-imputat jinsa li kien biss fit-23 ta' Jannar 2015 li Klentec infurmat lid-DIER li b'effett mid-19 ta' Jannar, 2015, l-kumpanija tal-imputat kienet assummiet ukoll l-impjegati li precedentement kienu ser jigu trasferiti maghha![34] Ghalhekk anqas jaghmel sens li Mifsud jipprova jallacca mal-fatt li kemm il-darba it-trasferiment sar fit-2 ta' Jannar, 2015 u hu rcieva l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni dwar

[33] Fol.50
[34] Fol.11-12; xhieda Mario Gatt

Ivanova *"hmistax wara li konna bdejna x-xoghol ahna",*[35] hu kellu jigi mehlus mill-obbligi tieghu versu l-istess Ivanova. Mhemmx dubbju li hmistax wara li nbeda x-xoghol fil-5 ta' Jannar, 2015 ifisser li hu fil-parametri tal-hamest ijiem ta'xoghol imsemmija bir-regolament 4 galadarba jirrizulta li Mifsud assuma s-servizz kollu b'effett mid-**19 ta' Jannar, 2015**.[36] **Madanakollu l-Qorti temmen li Mifsud kien ilu jaf bil-kuntratt ta' Ivanova**[37] **u sahansitra kif jissemma aktar il-quddiem, kemm meta tkellem maghha kif ukoll meta tkellem ma Gatt**[38] **offrielha impjieg ta' cleaner minflok li tissokta fir-rwol taghha ta' supervisor.**

Issa anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-regolament 4 ma giex aderit minn xi parti, la r-Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju u wisq anqas l-Att ma jipprovdu li tali nuqqas da parti ta' xi naha jew ohra ghandhom iwasslu sabiex jigi pregudikat xi impjegat trasferit! **Impjegat li minghajr ma jahti xejn jista' jisfa bla impjieg minhabba xi nuqqas indipendenti ghal kollox minnu, kif donnu jittenta jaghmel l-imputat billi ghall-allegat nuqqas ta' Gafa (li baqa' ma giex pruvat lanqas remotament), igieghel lil hadd ghajr Ivanova tbati l-konsegwenzi billi jirrifjuta li jimpjegaha.**

Fil-fatt dawn ir-regolamenti saru ai termini tal-Artikolu 38(5) li jipprovdi biss li:

> (5) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi l-mod li bih għandhom jinżammu l-konsultazzjonijiet bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti tal-impjegati; il-proċedura li għandha tiġi adottata; il-kategoriji jew il-klassijiet ta' impiegi li huma eżenti mill-effetti ta' dan l-artikolu, u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam jew hi anċillari għal dan.

Illi ta' sinifikat kbir huwa l-fatt li Mifsud jissoleva l-allegat nuqqas - li jinghata l-informazzjoni mingahnd Gafa fit-terminu inikat ta' 5 ijiem ta' xoghol kif stipulat fir-regolament 4 - fil-**konfont ta' Ivanova biss meta fix-xhieda tieghu hu cjar li dan kien nuqqas fir-rigward tal-impjegati l-ohra kollha** li minkejja kollox zammhom fl-impjieg tieghu (ghajr dawk li telqu minn rajhom):

*"Avukat: Tajjeb. Issa inti skont il-ligi suppost within five (5) working days ircevejt notice, inti dan in-notice within five (5) days ircevejtu?*

[35] Fol.50
[36] Fol.11
[37] Fol.24
[38] Fol.11-12

*Xhud: Le ahna konna qed nistennew il-lista, il-lista tal-haddiema minghand il-Kumpanija li kien hemm qabilna.*

*Avukat: Ehe.*

*Xhud: U bid-dettalji u b'kollox b'tal-leave u sick u din.*

*Avukat: Within five (5) working days.*

*Xhud: Ma waslitx, din waslet gimghat wara mbaghad."*[39]

Kien jispetta lill-imputat jitlob kwalunkwe informazzjoni li hass li kienet ghada ma nghatatlux, kemm il-darba verament hass li ma kellux dik l-informazzjoni mehtiega li abbazi taghha seta' jaghmel decizjoni infurmata dwar jekk kellux jidhol ghat-trasferiment jew jirrifjutah bhal ma ghamlet il-kumpanija l-ohra. Ma jonqosx li jigi osservat ukoll li galadarba qed jigi allegat li Mifsud safa pregudikat, peress li Gafa naqas mill-obbligi tieghu naxxenti bir-regolament 4, wiehed kien jistenna li l-imputat jinforma b'dan lid-dipartiment; u mhux semplicement biex id-dipartiment jintervjeni (jekk kien il-kaz) izda anke minhabba l-fatt li ai termini tar-regolament 9 tali nuqqas jammonta ghal reat[40]

Illi fid-dawl tal-provi migbura il-Qorti temmen li Mifsud irrifjuta li jhaddem mieghu lil Ivanova, mill-haddiema l-ohra kollha trasferiti, minkejja li kien accetta t--trasferiment ta' negozju, hekk kif irrejalizza li ma kellux htiega ta' ekologista/supervisor izda intebah ukoll li jekk kien ser itemm l-impjieg taghha – kif wara kollox kien liberu li jaghmel ai termini tar-regolament 5(2), kien ser ikun soggett ihallasha mal-€40,000 kif jistipula l-kuntratt li kien dahal ghalih maghha Gafa Saveway Ltd.

Fix-xhieda tieghu l-imputat pprometta li kien ser jipprezenta b'nota lista tal-impjegati trasferiti mieghu bid-data tal-ingagg biex jipprova l-verzjoni minnu moghtija u cioe` li Ivanova ma kienitx giet trasferita mieghu: *"Nista nipprezentaha mhux problema….Min naha tal-ufficju jkunu jafu d-data"!*[41] izda lanqas din il-prova ma ngabet.

---

[39] Fol.49

[40] **9.** Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn irregolamenti tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) għal kull impjegat milqut mittrasferiment.

[41] Fo.48-49

Il-kaz tad-difiza hu mankanti ghal kollox mill-provi fejn xhieda mtella' minnu jkomplu jsahhu l-kaz tal-prosekuzzjoni, senjatament Martin Zahra meta jaghmilha cjara kristall li Ivanova flimkien mal-kumplament tal-impjegati l-ohra kienu gew trasferiti ma Wilson Mifsud.

Illi kuntrarjament ghax-xhieda tal-imputat, li l-Qorti tqisha bhala wahda li m'ghandhiex mis-sewwa ghar-ragunijiet li gja saru riferenzi ghalihom, ix-xhieda li tat Ivanova kienet konsistenti u kredibbli, fejn bosta huma d-dettalji li gew konfermati minn xhieda ohra.

Fil-fatt hi ssostni li Mifsud kien jaf bil-kuntratt taghha sa mill-5 ta' Jannar 2015 meta tiddikjara ***"He offered me to work as cleaner in another place not in Karen Grech and I told him sorry I am supervisor I have got contract to work at Karen Grech, and I was working there from 2007 seven years working at Karen Grech only like a supervisor***[42]*……<u>**I spoke to him on the 5th**</u> to Mr Mifsud the first time when I talk to him….. <u>it was Monday</u> and he told me not him only director of the company there is another director he can talk to him and after he can phone me.".*[43] Il-verzjoni ta' Ivanova issib korroborazzjoni mix-xhieda ta Mario Gatt li wkoll juri bic-cjar li l-imputat, issa li t-trasferiment tan-negozju kollu waqa' f'idejh esklussivament, kien lest jaccettaha fl-impjieg mieghu izda bhala cleaner: *"**Saru diversi laqghat mall-kuntrattur fejn qalilna li hu kien lest u offrielha li jzommha fl-impieg bhala cleaner**. .....Ahna gbidna l-attenzjoni f'dak il-kaz ghandu jtemm l-impieg u wara joffrilha skond il-htiega ta' vaganzi li jkun hemm. Hawn irrizulta li l-<u>kuntrattur ma riedtx jaghmel hekk minhabba l-klawzola li kien hemm fil-kuntratt tal-impjegata</u>."*[44] Fattur importanti wkoll li juri bic-cjar li Mifsud kien konxxju tal-kuntratt u l-informazzjoni relattiva dwar Ivanova li meta sar it-trasferiment u bdew diskussjonijiet mad-DIER fi kliem Gatt <u>*"Ahna xorta wahda nfurmajna lit-tnejn bl-obbligu li kellhom biex izommu fl-impieg lis-Sinjura Ivanova..."*[45]</u> **Ma jifdal ebda dubbju li l-imputat tant kien jaf bil-kuntratt ta' Ivanova bhala supervisor (u l-paga relattiva) tant li offrilha li tkompli tahdem mieghu bhala cleaner.**

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha.

---

[42] Fol.24
[43] Fol.27-28
[44] Fol.11-12
[45] Fol.11

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 38, 45, 46 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 3, 3A, 4 u 9 tar-***Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta ' Negozju*** (L.S. 452.85) issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**